DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 22 ta' Jannar 2016

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 024/2016

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Korsijiet ta' Aġġornament Volontarju fil-Malti għas-sena skolastika 2015-2016

---

It-Taqsima tal-Malti tad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu bi sħab mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għal darb'oħra ser jerġgħu jorganizzaw sensiela ta' korsijiet volontarji għall-għalliema, l-LSAs, il-KGAs, l-edukaturi, il-ġenituri u l-pubbliku. Dawn il-korsijiet huma maħsuba kemm għal dawk li jħossu l-ħtieġa li jitgħallmu l-Malti u/jew isaħħu l-għarfien tagħhom fil-Malti kif ukoll għal dawk li jridu jidħlu aktar fil-fond fl-għarfien tal-istrutturi lingwistiċi tiegħu.

**Il-korsijiet se jsiru bejn Frar u Mejju 2016 u jieħdu sitt ġimgħat, b'lezzjoni ta' sagħtejn, darba fil-ġimgħa. Barra l-parti teoretika jkun hemm ukoll ħidma prattika. Il-korsijiet offruti, flimkien ma' deskrizzjoni qasira tagħhom, jinsabu fl-aħħar ta' din iċ-ċirkulari.**

Dawk kollha li jixtiequ jattendu, inkluż dawk li kienu diġà nkitbu għal xi kors is-sena l-oħra, għandhom jibagħtu ittra elettronika jew postali b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, l-indirizz postali, in-numru tat-telefown/mowbajl, l-iskola fejn jgħallmu u **liema kors jixtiequ jattendu.** Din l-informazzjoni għandha tintbagħat lis-Sur John Farrugia fl-indirizz john.b.farrugia@gov.mt jew iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Joe Abela Scolaro, il-Ħamrun, ĦMR 1304 sa nhar **il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2016.**

Min ikun irid aktar informazzjoni jista' jikkuntattja lill-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti fuq wieħed minn dawn in-numri 25982914, 25982905 jew 25982907.

Il-korsijiet huma bla ħlas u jingħażlu l-ewwel tletin li japplikaw għal kull kors.

Min jattendi l-laqgħat kollha jingħata ċertifikat uffiċjali mid-Direttorat għal-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

**Lista ta' korsijiet offruti għas-sena skolastika 2015-2016.**

| **In-numru tal-kors** | **Id-dati tal-lezzjonijiet** | **Il-post** | **L-isem tal-kors** | **L-udjenza** | **Id-deskrizzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|
| **MLT 01/2016** | **Kull nhar t'Erbgħa, mit-3.30 sal-5.30pm, fis-24 ta' Frar 2016 u fit-2, 9, 16, 23 u 30 ta' Marzu 2016** | **L-Iskola Medja tal-Kulleġġ Sant'Injazju** | **L-Ortografija tal-Malti 1** | Edukaturi tal-primarja, tal-medja jew tas-sekondarja li jgħallmu suġġetti imma mhux il-Malti. | Għarfien tar-regoli ewlenin għal kitba aħjar bil-Malti. |
| **MLT 02/2016** | **Kull nhar t'Erbgħa, mit-3.30 sal-5.30pm, fis-24 ta' Frar 2016 u fit-2, 9, 16, 23 u 30 ta' Marzu 2016** | **L-Iskola Medja tal-Kulleġġ Sant'Injazju** | **L-Ortografija tal-Malti 2** | Edukaturi tal-primarja, tal-medja jew tas-sekondarja ta' suġġetti imma mhux il-Malti li għamlu l-ewwel kors. | Tkomplija u tfannid fuq l-ewwel kors, bi spjega aktar dettaljata ta' regoli oħra ortografiċi u grammatikali ewlenin. |
| **MLT 03/2016** | **Kull nhar t'Ġimgħa, mit-3.30 sal-5.30pm, fit-22, 29 ta' April 2016 u fis-6, 13, 20, 27 ta' Mejju 2016** | **Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun** | **Il-Malti għall-Ġenituri ta' Tfal Barranin 1** | Ġenituri barranin li ma jafux il-Malti u li għandhom it-tfal jattendu l-iskejjel primarji u sekondarji. | Kors għall-ġenituri barranin biex jitgħallmu l-Malti u jkunu jistgħu jgħinu lil uliedhom jitgħallmuh. |
| **MLT 04/2016** | **Kull nhar ta' Tnejn, mit-3.30 sal-5.30pm, fis-7, 14, 21 ta' Marzu 2016 u fl-4, 11, 18 ta'April 2016** | **Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun** | **Nikteb tajjeb bil-Malti 1** | Membri tal-pubbliku li jixtiequ jtejbu l-kitba tagħhom bil-Malti. | Kors bażiku li joffri tagħrif u spjegazzjoni tar-regoli ewlenin tal-kitba bil-Malti. |

Grazzi,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**